22 ta' Ottubru, 1954

**Imhallfin :**

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Maria Debono *versus* Dolores Portelli.**

**Sentenza — Nullità — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Tagħrif — Servizzi — Nota ta' Osservazzjonijiet — Art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta xi waħda mill-partijiet tkun ġiet awtorizzata tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet, u fil-jum li għalih il-kawża tkun ġiet differita tonqos li tippreżenta dik in-nota, il-Qorti hija ġustifikata tiddeċidi l-kawża f'dak il-jum fl-istat li fih il-kawża tkun istruwita. Jekk imbagħad f'dik in-nota li ma saritx kellha tiġi mogħtija l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni dik l-eċċezzjoni, għax l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet*

*moghtija formalment; u ghalhekk is-sentenza ma tistax tigi attakkata b'nullità fuq il-motiv li ma tkunx giet moqtugha b'kap separat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif trid il-ligi.*

*L-azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' hames snin; u jekk isir att interruttiv tal-preskrizzjoni, il-kumpens ghas-servigi hu milqut bil-preskrizzjoni ghaz-zmien precedenti ghal hames snin minn dak l-att interruttiv.*

*Fil-kaz li d-debitur tal-hlas tas-servigi jkun irrikonoxxa l-obligu tieghu li jhallas dak il-kumpens per mezz ta' testment, dak ir-rikonoxximent jipproduci l-effetti guridici tieghu, fosthom dak li jinterrompi l-preskrizzjoni, almenu sal-jum li fih it-testment li fih sar dak ir-rikonoxximent jibqa' jghodd. Jekk dak it-testment jigi revokat, il-preskrizzjoni terga' tibda tiddekorri mill-jum li fih tkun saret dik ir-revoka.*

Il-Qorti — Rat l-att tac-citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li bih l-attrici talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittiehdu l-provvedimenti mehtiega, il-konvenuta tigi kundannata thallasha dik is-somma li tigi stabbilita, jekk hemm bzonn per mezz ta' periti, bhala hlas tas-servigi lilha prestati dawn l-ahhar sittax il-sena. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 1952, kontra l-konvenuta, li giet imharrka ghas-subizzjoni;

*Omissis:*

Rat is-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 1953 li biha gie deciz adezivament ghat-talba ta' l-attrici, u hekk ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' £275. 15. 0, bl-ispejjez; wara li kkunsidrat:

Illi l-attrici qieghda titlob kumpens ghal servigi li hija tippretendi li pprestat lill-konvenuta ghal sittax il sena. Il-konvenuta topponi t-talba, billi tallega illi hija qatt ma kellha l-intenzjoni li thallas lill-attrici minhabba stretta parentela ta' bejniethom; però, ghas-servigi li talvolta rrenditilha l-attrici, hija hallsitha adegwatament;

Illi l-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li l-pretensjoni ta' l-attrici hija fondata fid-dritt u fil-fatt, u illi l-hlas dovut lilha mill-konvenuta hu dak ta' £275 15. 0. b'kalkolu ta' xelin kuljum ghal perijodu ta' hmistax il-sena;

Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali ghar-ragunijiet stess

miġjuba minnu, fejn huwa ssottomessa illi l-pretensjoni ta' l-attriċi hi fondata fid-dritt; għaliex dawk ir-raġunijiet huma bażati fuq it-tagħlim in propożitu tal-Qrati Tagħna. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali, għall-istess raġunijiet sottomessi minnu, fejn huwa illikwida fis-somma ta' £275. 15. 0 il-kumpens dovut mill-konvenuta lill-attriċi għas-serviġi li din irrenditilha; għaliex dawk ir-raġunijiet fiċ-ċirkustanzi tal-każ huma korretti;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti, qabel xejn, opponiet in-nullità tas-sentenza appellata, għaliex fil-ġurnata li ġiet mogħtija dik is-sentenza hija, skond id-digriet tat-23 ta' Novembru 1953 (fol. 60 tergo), kienet ġiet awtorizzata tippreżenta nota biex tikkritika r-relazzjoni tal-perit legali u biex tagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll għaliex din l-aħħar eċċezzjoni ma ġietx maqtugħa b'kap separat kif mitlub mill-liġi (art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fuq dan il-punt għandu jingħad li l-appellanti naqset li fl-14 ta' Diċembru 1953 tippreżenta n-nota ta' kritika u ta' eċċezzjoni kif awtorizzata bl-imsemmi digriet tat-23 ta' Novembru 1953, u għalhekk il-Qorti kienet ġustifikata tgħaddi għad-deċiżjoni tal-kawża fl-istat li kienet tinsab istruwita, u ma setgħetx tieħu in konsiderazzjoni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, billi ma ġiet qatt opposta formalment kif messu sar. Għaldaqshekk l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata mhix aċċettabili, u għandha tiġi miċħuda, kif fil-fatt qiegħda tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Ikkunsidrat;

Illi s-serviġi u prestazzjonijiet, li tagħhom qiegħed jiġi reklamat il-kumpens bl-att taċ-ċitazzjoni, ġew reżi fil-perijodu ta' ħmistax il-sena, li għalqu fit-3 ta' Ottubru 1951, jiġifieri ħmistax il-ġurnata qabel ma miet ir-raġel ta' l-appellan-

ti (ara depożizzjoni ta' l-attriċi fol. 18). Il-perit legali llikwida dak il-kumpens fis-somma ta' £275. 15. 0, jiġifieri bir-rata ta' xelin kuljum matul il-perijodu kollu tal-ħmistax il-sena; u din il-Qorti hija soddisfatta li, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, il-kumpens kif fuq likwidat mhux eċċessiv;

Ikkunsidrat:

Illi f'dina l-istanza l-appellanti kontra t-talba ta' l-attriċi ġiebet il-quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin prevista mill-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, li hija dik applikabili għall-każ in eżami (ara Appell 24 ta' Jannar 1919 in re "Gauci vs. Camilleri", u 10 ta' Novembru 1922 in re "Mifsud vs. Saliba"). Billi l-imsemmija servigi ġew prestati sat-3 ta' Ottubru 1951, u billi b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu 1952 saret interpellazzjoni għall-ħlas tal-kumpens relativ, il-kumpens għaż-żmien preċedenti għall-ħames snin minn din l-aħħar data jinsab milqut mill-preskrizzjoni, kemm il-darba ma tirriżultax interruzzjoni tagħha jew rinunzja għaliha;

Ikkunsidrat:

Illi b'testment li sar għand in-Nutar Giovanni Vella fil-15 ta' Awissu 1944 l-appellanti ħalliet bħala prelegat lill-attriċi n-nofs indiviż ta' terran f'Każal Pawla, u dan talli "kienet qiegħda ddur biha" (depożizzjoni konvenuta fol. 36). Dak il-prelegat ġie mħassar meta l-kontendenti nkisru u kellhom xi jgħidu bejniethom, jiġifieri f'Ottubru 1951. B'dik id-dispożizzjoni testamentarja l-appellanti giet irrikonoxxiet li l-attriċi kien imissha kumpens talli "kienet qiegħda ddur biha". Dan ir-rikonoxximent tas-servigi prestati mill-attriċi għandu jipproduċi l-effetti guridiċi tiegħu, fosthom dak li jinterrompi l-preskrizzjoni tad-dritt rikonoxxut, almenu sal-ġurnata li fiha t-testment kontenenti dak ir-rikonoxximent ġie revokat (Kollez., Vol. XIII, pag. 141, u Vol. XXXV—II—481). Billi, bħal ma ngħad, ir-revoka saret f'Ottubru 1951, il-preskrizzjoni li reġgħet bdiet tiddekorri minn din l-aħħar data ma laħqetx għalqet minħabba l-imsemmija ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu 1952, u dan apparti l-kwistjoni jekk ir-rikonoxximent fuq imsemmi magħmul b'att publiku, bħal ma hu testment, jagħtix lok għal preskrizzjoni ta' durata akbar skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-eċċezzjoni tal-preskriz-krizzjoni, opposta mill-konvenuta appellanti, mhux aċċettabili; u għall-kumplament hemm lok li jiġu adottati l-konklużjonijiet li għalihom waslet l-Ewwel Qorti bil-motivi għalihom premessi;

Għaldaqshekk;

Previju r-riġett ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta appellanti.

---